

Brussell, 20 ta' Frar 2026
(OR. en)

6340/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0398 (NLE)**

**COMPET 186
RECH 62
FIN 270
ENER 70**

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	6122/1/26 REV 1 16733/25 + ADD 1 + ADD 2
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm, dwar il-linji gwida finanzjarji pluriennali għall-immaniġġar tal-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar - Approċċ ġenerali - Deċiżjoni li jiġi kkonsultat mill-ġdid il-Parlament Ewropew

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-10 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm, dwar il-linji gwida finanzjarji pluriennali għall-immaniġġar tal-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2003/77/KE u 2008/376/KE.

2. F'konformità mal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (RFCS) huwa programm ta' riċerka tal-UE, iffinanzjat barra mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali mid-dħul tal-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni allokata għal dan il-fond. L-RFCS jiffinanzja esklużivament proġetti ta' riċerka fis-setturi tal-faħam u l-azzar.
3. Id-Deċiżjoni proposta hija parti minn pakkett ta' proposti biex jiġi rivedut il-qafas legali tal-RFCS sabiex jiġi previst finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu appoġġati d-dekarbonizzazzjoni, it-tranżizzjoni nadifa u l-kompetittività tas-setturi tal-faħam u tal-azzar. Din il-proposta tistabbilixxi l-linji gwida tekniċi għall-Programm ta' Riċerka, b'objettivi riveduti u kundizzjonijiet tas-sejħa, tallinja r-rati ta' finanzjament mal-programmi ta' finanzjament tar-riċerka tal-UE, u tistabbilixxi l-linji gwida finanzjarji għall-immaniġġar tal-assi tal-RFCS.
4. F'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 37, il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat dwar il-proposta. Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat dwar il-proposta fl-4 ta' Frar 2026, iżda għadu ma tax l-opinjoni tiegħu. Peress li t-test ippreżentat għal approċċ ġenerali jibdel b'mod sostanzjali l-proposta tal-Kummissjoni rigward it-tul tal-programm, huwa rakkomandat li l-Parlament Ewropew jiġi kkonsultat dwar it-test kif rivedut mill-Kunsill.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka ddiskuta l-proposta f'erba' okkażjonijiet. Wara dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza emendat xi dispożizzjonijiet tal-proposta tal-Kummissjoni biex tqis it-talbiet tad-delegazzjonijiet. Din il-proposta ġiet diskussa wkoll f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji, li ffokat fuq l-aspetti relatati mal-immaniġġar tal-assi tal-fond u dispożizzjonijiet finanzjarji oħra.

6. L-emendi li saru huma relatati prinċipalment mal-estensjoni tad-durata tal-Programm ta' Riċerka minn erba' snin għal tmien snin billi jiġi impenjat il-pakkett finanzjarju tal-programm mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2034 u jiġu pprovduti kjarifiki dwar l-oġġettivi tal-programm kif ukoll l-oġġettivi ta' riċerka għall-faħam u l-azzar. It-test maqbul jinsab fl-addendum għal din in-nota.
7. Fit-18 ta' Frar, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti seta' japprova l-qbil li ntlaħaq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma.

III. KONKLUŻJONI

8. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden:
 - jilħaq approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 6340/26 ADD 1 fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Frar 2026, u
 - jiddeċiedi li jistieden lill-Parlament Ewropew jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dak it-test.
-